32006R1482

7.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 276/51

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1482/2006

## tas-6 ta' Ottubru 2006

## li jiftaħ sejħiet għall-offerti permanenti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju ta' qamħ komuni u segala miżmuma mill-aġenziji ta' intervent tal-Istati Membri għall-ipproċessar ta' dqiq fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali[1], partikolarment l-Artikolu 6 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 tat-28 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali f'idejn l-aġenziji intermedjarji[2], iċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' intervent iridu jinbiegħu bi proċedura ta' sejħa għall-offerti bi prezz tal-bejgħ li ma jkunx taħt dak reġistrat fis-suq fil-post tal-ħażna jew, fin-nuqqas ta' dak, fis-suq l-aktar qrib, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-ġarr, għal kwalità ekwivalenti u għal kwantità rappreżentattiva li tevita tfixkil fis-suq.

(2) L-Istati Membri għandhom ħażniet intermedjarji ta' qamħ komuni u segala.

(3) Minħabba l-kondizzjonijiet ħżiena tat-temp matul il-ħsad tal-2006, il-kwantità ta' ċereali għall-produzzjoni tal-ħobż mhix biżżejjed biex tlaħħaq mad-domanda interna ta' ċerti Stati Membri. Il-bejgħ fis-suq Komunitarju jista', għaldaqstant, jiġi organizzat bi proċedura ta' bejgħ bl-offerti biex id-dqiq komuni u s-segala jiġi pproċessat fi dqiq. Kull bejgħ huwa kkunsidrat bħala sejħa għall-offerti separata.

(4) Biex titqies is-sitwazzjoni fis-suq Komunitarju, għandu jsir provvediment sabiex is-sejħa għall-offerti titmexxa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandu jkun

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

[2] ĠU L 191, 31.7.1993, p. 76. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 749/2005 (ĠU L 126, 19.5.2005, p. 10).

ipprovdut koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dawk l-offerti li jinsabu fil-livell tal-prezz minimu tal-bejgħ.

(5) Biex ikunu jistgħu jsiru l-verifiki dwar id-destinazzjoni partikolari tal-ħażniet koperti b'dawn il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, irid isir provvediment għal sorveljanza speċifika tal-kunsinna ta' qamħ komuni u segala u tal-ipproċessar tiegħu fi dqiq. Biex issir din is-sorveljanza, l-applikazzjoni tal-proċeduri stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3002/92 tas-16 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-verifika tal-użu u/jew destinazzjoni ta' prodotti minn intervent[3] għandha ssir obbligatorja.

(6) Biex tkun iggarantita prestazzjoni xierqa, l-offerenti jridu jagħmlu garanzija li, minħabba n-natura tal-operazzjonijiet konċernati, għandha tiġi ffissata b'deroga mir-Regolament (KEE) Nru 2131/93, partikolarment dwar il-livell tagħha, li jrid ikun biżżejjed biex jiġi ggarantit l-użu xieraq tal-prodotti, u l-kundizzjonijiet għar-rilaxx tagħhom, li trid tinkludi prova tal-ipproċessar tal-prodotti fi dqiq.

(7) Bil-ħsieb ta' ġestjoni tajba tas-sistema, għandu jkun hemm provvediment għat-trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni. Huwa importanti li n-notifika magħmula mill-aġenziji ta' intervent lill-Kummissjoni tiżgura l-anonimità tal-offerenti.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-aġenziji ta' intervent tal-Istati Membri li jidhru fl-Anness I għandhom jiftħu sejħiet għall-offerti permanenti għall-bejgħ fis-suq Komunitarju ta' qamħ komuni u segala miżmum minnhom biex ikun ipproċessat fi dqiq. Il-kwantitatjiet massimi taż-żewġ ċereali koperti mis-sejħiet għall-offerti għandhom ikunu kif muri fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jsir skont it-termini stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 2131/93.

*Artikolu 3*

Is-sejħiet għall-offerti jkunu validi biss jekk ikunu akkumpanjati bi:

[3] ĠU L 301, 17.10.1992, p. 17. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 770/96 (ĠU L 104, 27.4.1996, p. 13).

(a) prova li l-offerent għamel garanzija li, minkejja t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2131/93, hija stabbilita għal EUR 10 kull tunnellata;

(b) impenn bil-miktub mill-offerent biex juża il-qamħ komuni jew is-segala biex jipproċessah fi dqiq fil-Komunità fi żmien 60 ġurnata mir-rilaxx tiegħu mill-ħażna ta' intervent, u fi kwalunkwe eventwalità qabel il-31 ta' Lulju 2007, u li jagħmel garanzija ta' EUR 40 kull tunnellata fi żmien jumejn tax-xogħol mill-jum li fih jasal l-avviż tal-għoti tal-kuntratt;

(c) impenn li jinżammu r-rekords tal-ħażna sabiex ikunu jistgħu jsiru l-verifiki meħtieġa biex ikun żgurat li l-kwantitajiet ta' qamħ komuni u segala li jkunu ngħataw ikunu ġew ipproċessati fi dqiq fit-territorju tal-Komunità.

*Artikolu 4*

1. L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti għall-ewwel sejħa parzjali għall-offerti hija l-11 ta' Ottubru 2006 fis-13.00 (ħin ta' Brussell).

Għas-sejħiet parzjali għal offerti sussegwenti, il-perjodu għall-preżentazzjoni tal-offerti jiskadi kull nhar ta' Erbgħa fis-13:00 (ħin ta' Brussell), bl-eċċezzjoni tas-27 ta' Diċembru 2006, l-4 ta' April u s-16 ta' Mejju 2007, jiġifieri l-ġimgħat meta ma tkun saret l-ebda sejħa għall-offerti.

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti għall-aħħar sejħa parzjali għal offerti hija s-27 ta' Ġunju 2007 fis-13.00 (ħin ta' Brussell).

2. L-offerti għandhom jiġu ppreżentati lill-aġenziji ta' invervent ikkonċernati, li d-dettalji tal-indirizzi tagħhom qed jingħataw fl-Anness I.

*Artikolu 5*

Fl-erba' sigħat ta' wara l-iskadenza tal-perjodu għall-preżentazzjoni tal-offerti stipulat fl-Artikolu 4(1), l-aġenziji ta' intervent ikkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-offerti ppreżentati. Jekk ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda offerta, l-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn fl-istess perjodi ta' ħin. Jekk l-Istat Membru ma jibgħat l-ebda notifika lill-Kummissjoni fil-perjodu stipulat, il-Kummissjoni tqis li ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda offerta f'dak l-Istat Membru.

In-notifiki msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan għandhom isiru b'mod elettroniku, skont il-mudell stabbilit fl-Anness II. Għal kull sejħa għal offerti, tintbagħat lill-Kummissjoni formola separata għal kull tip ta' ċereali. L-identità ta' min jippreżenta offerta għandha tibqa' sigrieta.

*Artikolu 6*

1. Skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-prezz minimu tal-bejgħ tal-qamħ komuni u s-segala, jew tiddeċiedi li l-offerti rċevuti ma jintlaqgħux.

2. Meta l-iffissar ta' prezz minimu, skont il-paragrafu 1, jaqbeż il-kwantità massima disponibbli għal Stat Membru, ma' dan il-prezz iffissat jista' jingħata koeffiċjent ta' allokazzjoni tal-kwantitajiet offruti fil-livell tal-prezz minimu, sabiex tkun irrispettata l-kwantità massima disponibbli fl-Istat Membru konċernat.

*Artikolu 7*

1. Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 3(a) għandha tiġi rilaxxata kollha għal kwantitajiet li għalihom:

(a) ma ssir l-ebda għotja;

(b) il-pagament tal-prezz tal-bejgħ isir fil-perjodu stabbilit u tkun saret il-garanzija msemmija fl-Artikolu 3(b).

2. Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 3(b) għandha tiġi rilaxxata proporzjonalment għall-kwantitajiet ta' qamħ komuni u segala li jintużaw għall-produzzjoni ta' dqiq fil-Komunità.

*Artikolu 8*

1. Prova li l-impenji msemmija fl-Artikolu 3(b) ikunu ntlaħqu għandha tiġi pprovduta skont ir-Regolament (KEE) Nru 3002/92.

2. Barra d-dettalji previsti fir-Regolament (KEE) Nru 3002/92, il-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll T5 għandha tirreferi għall-impenn stipulat fl-Artikolu 3(b) u (c) u jkollha waħda mill-entrati jew aktar murija fl-Anness III.

*Artikolu 9*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Ottubru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNESS I**

| LISTA TA' SEJĦIET GĦALL-OFFERTI | | | |
|---|---|---|---|
| Stat Membru | Kwantitajiet disponibbli għall-bejgħ fis-suq Komunitarju għall-ipproċessar fi dqiq | | Aġenzija ta' Intervent<br>Isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt |
| | Dqiq komuni | Segala | |
| Il-Belġju | 0 | — | Bureau d'intervention et de restitution belge<br>Rue de Trèves, 82<br>B-1040 Bruxelles<br>Telefon: (32-2) 287 24 78<br>Faks: (32-2) 287 25 24<br>Indirizz elettroniku: webmaster@birb.be |
| Ir-Repubblika Ċeka | 0 | — | Statní zemědělský intervenční fond Odbor Rostlinných Komodit<br>Ve Smečkách 33<br>CZ-110 00, Praha 1<br>Telefon: (420) 222 871 667 – 222 871 403<br>Faks: (420) 296 806 404<br>Indirizz elettroniku: dagmar.hejrovska@szif.cz |
| Id-Danimarka | 0 | — | Direktoratet for FødevareErhverv<br>Nyropsgade 30<br>DK-1780 København<br>Tlf. (45) 33 95 88 07<br>Faks (45) 33 95 80 34<br>Indirizz elettroniku: mij@dffe.dk og pah@dffe.dk |
| Il-Ġermanja | 0 | 0 | Bundesanstalt für Landwirtschaft und |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Ernährung<br>Deichmanns Aue 29<br>D-53179 Bonn<br>Telefon: (49-228) 6845-3704<br>Faks 1: (49-228) 6845-3985<br>Faks 2: (49-228) 6845-3276<br>Indirizz elettroniku: pflanzlErzeugnisse@ble.de |
| L-Estonja | 0 | — | Pllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet<br>Narva mnt. 3,<br>51009 Tartu<br>Telefon: (372) 7371 200<br>Faks: (372) 7371 201<br>Indirizz elettroniku: pria@pria.ee |
| Il-Greċja | — | — | Payment and Control Agency for Guidance and Guarantee<br>Community Aids (O.P.E.K.E.P.E)<br>241, Archarnon str.,<br>GR-104 46 Athens<br>Telefon: (30-210) 212.4787 & 4754<br>Faks: (30-210) 212.4791<br>Indirizz elettroniku: ax17u073@minagric.gr |
| Spanja | — | — | S. Gral. Intervención de Mercados (FEGA)<br>C/Almagro 33 E-28010 Madrid<br>España<br>Telefon: (34-91) 3474765<br>Faks: (34-91) 3474838 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Indirizz elettroniku: sgintervencion@fega.mapa.es |
| Franza | 0 | — | Office National Interprofessionnel des Grandes Cultures (ONIGC)<br>21, avenue Bosquet<br>F-75326 Paris Cedex 07<br>Telefon: (33-1) 44 18 22 29 and 23 37<br>Faks: (33-1) 44 18 20 08 — (33-1) 44 18 20 80<br>Indirizz elettroniku: m.meizels@onigc.fr u f.abeasis@onigc.fr |
| L-Irlanda | — | — | Intervention Operations, OFI, Subsidies and Storage Division,<br>Department of Agriculture and Food Johnstown Castle Estate,<br>County Wexford<br>Telefon: 353 53 91 63400<br>Faks: 353 53 91 42843 |
| L-Italja | — | — | Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura — AGEA<br>Via Torino, 45<br>I-00184 Roma<br>Telefon: (39) 0649499755<br>Faks: (39) 0649499761<br>Indirizz elettroniku: d.spampinato@agea.gov.it |
| Ċipru | — | — | |
| Il-Latvja | 0 | — | Lauku atbalsta dienests<br>Republikas laukums 2,<br>Rīga, LV – 1981 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Telefon: (371) 702 7893<br>Faks: (371) 702 7892<br>Indirizz elettroniku: lad@lad.gov.lv |
| Il-Liwanja | 0 | — | The Lithuanian Agricultural and Food Products Market regulation Agency<br>L. Stuokos-Guceviciaus Str. 9–12,<br>Vilnius, Lithuania<br>Telefon: (370-5) 268 5049<br>Faks: (370-5) 268 5061<br>Indirizz elettroniku: info@litfood.lt |
| Il-Lussemburgu | — | — | Office des licences<br>21, rue Philippe II<br>Boîte postale 113<br>L-2011 Luxembourg<br>Telefon: (352) 478 23 70<br>Faks: (352) 46 61 38<br>Telex: 2 537 AGRIM LU |
| L-Ungerija | 0 | — | Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal<br>Soroksári út. 22–24<br>H-1095 Budapest<br>Telefon: (36) 1 219 45 76<br>Faks: (36) 1 219 89 05<br>Indirizz elettroniku: ertekesites@mvh.gov.hu |
| Malta | — | — | |
| L-Olanda | — | — | Dienst Regelingen Roermond<br>Postbus 965 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | NL-6040 AZ Roermond<br>Tel. (31) 475 355 486<br>Faks (31) 475 318939<br>Indirizz elettroniku: p.a.c.m.van.de.lindeloof@minlnv.nl |
| L-Awstrija | 0 | — | AMA (Agrarmarkt Austria)<br>Dresdnerstraße 70<br>A-1200 Wien<br>Telefon: (43-1) 33151 258 (43-1) 33151 328<br>Faks: (43-1) 33151 4624 (43-1) 33151 4469<br>Indirizz elettroniku: referat10@ama.gv.at |
| Il-Polonja | 200000 t | — | Agencja Rynku Rolnego<br>Biuro Produktów Roślinnych<br>Nowy Świat 6/12<br>PL-00-400 Warszawa<br>Telefon: (48) 22 661 78 10<br>Faks: (48) 22 661 78 26<br>Indirizz elettroniku: cereals-intervention@arr.gov.pl |
| Il-Portugall | — | — | Instituto Nacional de Intervenção e Garantia Agrícola (INGA)<br>R. Castilho, n.º 45-51,<br>1269-163 Lisboa<br>Telefon: (351) 21 751 85 00 (351) 21 384 60 00<br>Faks: (351) 21 384 61 70<br>Indirizz elettroniku: inga@inga.min-agricultura.pt |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | edalberto.santana@inga.min-agricultura.pt |
| Is-Slovenja | — | — | Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja<br>Dunajska 160<br>1000 Ljubjana<br>Telefon: (386) 1 580 76 52<br>Faks: (386) 1 478 92 00<br>Indirizz elettroniku: aktrp@gov.si |
| Is-Slovakkja | 0 | — | Pôdohospodárska platobná agentúra Oddelenie obilnín a škrobu<br>Dobrovičova 12<br>SK-815 26 Bratislava<br>Telefon: (421-2) 58 243 271<br>Faks: (421-2) 53 412 665<br>Indirizz elettroniku: jvargova@apa.sk |
| Il-Finlandja | 0 | — | Maa- ja metsätalousministeriö (MMM)<br>Interventioyksikkö – Intervention Unit<br>Malminkatu 16<br>Helsinki PL 30<br>FIN-00023 Valtioneuvosto<br>Puhelin: (358-9) 16001<br>Faks: (358-9) 1605 2772 (358-9) 1605 2778<br>Indirizz elettroniku: intervention.unit@mmm.fi |
| L-Iżvezja | 0 | — | Statens Jordbruksverk<br>SE-55182 Jönköping<br>Tlf (46) 36 15 50 00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Faks (46) 36 19 05 46<br>E-post: jordbruksverket@sjv.se |
| Ir-Renju Unit | — | — | Rural Payments Agency<br>Lancaster House<br>Hampshire Court<br>Newcastle upon Tyne<br>NE4 7YH<br>Telefon: (44) 191 226 5882<br>Faks: (44) 191 226 5824<br>Indirizz elettroniku: cerealsintervention@rpa.gov.uk |

'—' tfisser l-ebda ħażniet ta' intervent ta' dan iċ-ċereali f'dan l-Istat Membru

## ANNESS II

**KOMUNIKAZZJONI LILL-KUMMISSJONI DWAR IS-SEJĦIET GĦALL-OFFERTI LI WASLU TAĦT IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI PERMANENTI GĦALL-BEJGĦ MILL-ĠDID FIS-SUQ KOMUNITARJU TA' ĊEREALI MINN ĦAŻNIET TA' INTERVENT GĦALL-IPPROĊESSAR FI DQIQ**

**Mudell**[4]

**L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1482/2006**

**'TIP TA' ĊEREALI: Kodiċi NM**[5]**'**

**'STAT MEMBRU**[6]**'**

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| Numri tas-serje tal-offerti | Nru tal-lott | Kwantità<br>(t) | Prezz tal-offerta<br>EUR/tunnellata |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 3 | | | |
| eċċ. | | | |

Indika l-kwantitajiet totali offruti (inklużi l-offerti rifjutati magħmula għall-istess lott): […] tunnellati.

4 Irid jintbagħat lid-DĠ AGRI, Unit D.2.
5 100190 għall-qamħ komuni, u 10020000 għas-segala.
6 Indika l-Istat Membru kkonċernat.

# ANNESS III

## L-ENTRATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(2)

| | | | |
|---|---|---|---|
| — | bl-Ispanjol | : | Producto destinado a la transformación prevista en las letras b) y c) del artículo 3 del Reglamento (CE) nº 1482/2006 |
| — | biċ-Ċek | : | Produkt určený ke zpracování podle čl. 3 písm. b) a c) nařízení (ES) č. 1482/2006 |
| — | bid-Daniż | : | Produkt til forarbejdning som fastsat i artikel 3, litra b) og c), i forordning (EF) nr. 1482/2006 |
| — | bil-Ġermaniż | : | Erzeugnis zur Verarbeitung gemäß Artikel 3 Buchstaben b und c der Verordnung (EG) Nr. 1482/2006 |
| — | bl-Estonjan | : | määruse (EÜ) nr 1482/2006 artikli 3 punktides b ja c viiadatud töötlemiseks mõeldud toode |
| — | bil-Grieg | : | Προϊόν προς μεταποίηση όπως προβλέπεται στο άρθρο 3, στοιχεία β) και γ), του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1482/2006 |
| — | bl-Ingliż | : | Product intended for processing referred to in Article 3(b) and (c) of Regulation (EC) No 1482/2006 |
| — | bil-Franċiż | : | Produit destiné à la transformation prévue à l'article 3, points b) et c) du règlement (CE) nº 1482/2006 |
| — | bit-Taljan | : | Prodotto destinato alla trasformazione di cui all'articolo 3, lettere b) e c), del regolamento (CE) n. 1482/2006 |
| — | bil-Latvjan | : | Produkts paredzēts tādai pārstrādei, kā noteikts Regulas (EK) Nr. 1482/2006 3. panta b) un c) punktā |
| — | bil-Litwan | : | Produktas, kurio perdirbimas numatytas Reglamento (EB) Nr. 1482/2006 3 straipsnio b ir c punktuose |
| — | bl-Ungeriż | : | A 1482/2006/EK rendelet 3. cikkének b) és c) pontja szerinti feldolgozásra szánt termék |
| — | bl-Olandiż | : | Product bestemd voor de verwerking bedoeld in artikel 3, onder b) en c), van Verordening (EG) nr. 1482/2006 |
| — | bil-Pollakk | : | Produkt przeznaczony do przetworzenia przewidzianego w art. 3 lit. b) i c) rozporządzenia (WE) nr 1482/2006 |
| — | bil-Portugiż | : | Produto para a transformação estabelecida no Regulamento (CE) n.º 1482/2006 |
| — | bis- | : | Produkt určeny na spracovanie podľa článku 3 písm. b) a c) nariadenia |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Slovakk | | (ES) č. 1482/2006 |
| — | bis-Sloven | : | Proizvod za predelavo iz člena 3(b) in (c) Uredbe (ES) št. 1482/2006 |
| — | bil-Finlandiż | : | Asetuksen (EY) N:o 1482/2006 3 artiklan b ja c alakohdan mukaiseen jalostukseen tarkoitettu tuote |
| — | bl-Iżvediż | : | Produkt avsedd för bearbetning enligt artikel 3 b och c i förordning (EG) nr 1482/2006 |